**3 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Mifsud

*versus*

Daphne Caruana Galizia

**Digriet - Xhud fi Stadju ta' Appell - Produċibilità ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell iddekretat talba biex jiġi prodott xhud fi stadju ta' l-Appell billi ċaħdet l-istess talba għaliex ma deħrilhiex li kien il-każ li kien meħtieġ jew utili biex issir ġustizzja skond id-dritt*

*proċedurali.*

Il-Qorti:-

Il-Qorti trid tiddekreta talba ta' l-appellanti verbalizzata fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 1997 biex tipproduċi bħala xhud lil Tony Mallia, f'dan l-istadju ta' appell, peress li wara s-sentenza tal-prim'istanza, l-istess xhud ta xhieda fil-kumpilazzjoni ta' Meinrad Calleja li kienet rilevanti għall-każ. Dan stante li f'dik id-deposizzjoni ġie indikat rapport ta' ħbiberija bejn l-istess Calleja u x-xhud Joe Mifsud;

L-appellat qed jopponi din it-talba billi l-eċċezzjoni tal-konvenuta hija fis-sens illi ma kien hemm xejn malafamanti fil-kitba in kwistjoni u għalhekk ma tatx l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti. Jopponi ukoll għaliex jekk l-appellanti ma kinitx taf b'dan il-fatt ġdid ma kienx messha ppubblikat l-allegazzjoni infamanti u f'kull każ ix-xhud kien indikat fil-lista tax-xhieda tagħha u ma ġiex prodott;

Ikkunsidrat:

L-oġġezzjoni ta' l-appell għall-produzzjoni tax-xhud f'dan l-istadju hi sostenibbli;

Jirriżulta infatti illi fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-att promotur taċ-ċitazzjoni l-appellat jikkonferma illi l-fatti foloz u malafamanti li għalihom oġġezzjona huma li hu kien "*a former P.O.P.E.M. colleague* ta' Meinrad Calleja" u li minħabba f'hekk hu ma setax iwettaq id-dmirijiet tiegħu ta' ġurnalist in vista tal-konnessjoni tiegħu ma' l-istess Calleja. Allegazzjoni illi l-appellat jiddikjara li kienet infondata;

Biex tirribatti din il-premessa ghat-talbiet attriċi, il-konvenuta eċċepiet li ma kien hemm xejn fil-kitba li kien malafamanti. Kienet tikkontjeni biss kummenti permissibbli u ġustifikati fil-kuntest ta' l-artikolu. Indikat fost oħrajn bħala xhieda lill-istess Meinrad Galleja u lil dan Tony Mallia illi issa trid tipproduċi bħala xhud. Mill-premess hu ovvju illi d-difiża ta' l-appellanti kienet sa mill-bidu nett tal-kawża tendenti biex tipprova ukoll li kienet teżisti bħala fatt il-konnessjoni allegata fl-artikolu bejn l-appellat u Calleja. Dan joħroġ ċar mil-lista kollha tax-xhieda indikati mill-appellanti. Altrimenti lanqas kien ikun hemm ħtieġa li jiġu indikati, fost diversi xhieda, l-istess Mallia, Calleja u oħrajn;

Hu ovvju ukoll illi li kieku x-xhud Mallia ġie prodott quddiem l-Ewwel Qorti huwa ma kienx jiddeponi fuq fatti li ġraw bejn meta ngħatat is-sentenza tal-Prim'Istanza u meta ġiet intavolat l-appell. Kien ikun allura f'posizzjoni li jikkonferma dak li eventwalment hu kkonferma - skond kif allegat fil-verbal ta' l-10 ta' Novembru, 1997 - quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, fil-kumpilazzjoni kontra l-istess Meinrad Calleja. Dan ix-xhud kien allura produċibbli mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti, kien minnha hekk indikat u seta' jiddeponi anke allura fuq fatti li kienu a konoxxenza tiegħu ta' dak iż-żmien u li, skond l-istess appellanti, kienu rilevanti għad-difiża tagħha;

Wara li eżaminat l-artikolu 208 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili din il-Qorti hi tal-fehma li ma jokkorrux ċirkostanzi fejn dan ix-xhud hu produċibbli f'dan l-istadju. Dan l-artikolu jipprovdi li ebda xhud li ma jkunx inġieb fil-Qorti ta' l-ewwel grad ma jista' jinġieb fl-appell ħlief:

Meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha. F'dan il-każ hemm oppożizzjoni; jew

Meta bil-ġurament jew b'mezzi oħra jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xhieda ta' dak ix-xhud ma kinitx taf bih jew ma setgħetx bil-mezzi li tagħti l-liġi ġġib dak ix-xhud fil-Qorti ta' l-ewwel grad. F'dan il-każ dan ovvjament mhux possibbli għaliex l-appellanti tant kienet taf bl-eżistenza ta' dan ix-xhud u tar-rilevanza tax-xhieda tiegħu li kienet iddikjaratu fil-lista tax-xhieda tagħha fin-nota ta' eċċezzjonijiet. Ma kien hemm xejn x'jimpediha milli tipproduċih; jew

Meta t-talba biex tinġieb ix-xhieda ta' dak ix-xhud tkun saret u ġiet miċħuda quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Dan ukoll mhux il-każ; jew

Meta l-Qorti fi grad ta' appell hija tal-fehma li x-xhieda ta' dak ix-xhud hija utili u meħtieġa. Fil-każ taħt eżami din il-Qorti, ikkunsidrat ukoll in-natura u l-portata ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija, ma jidhrilhiex li dan hu l-każ fejn għandha tippermetti l-produzzjoni ta' dan ix-xhud għax hu meħtieġ jew utili biex issir ġustizzja skond id-dritt proċedurali;

Għal dawn il-motivi, tiċħad it-talba bl-ispejjeż għall-appellanti.